# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XLIV**
**Illum 27 ta' April, 2001**

**Appell Nru 58/2001 G**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Pierre Tonna**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Pierre Tonna talli fit-13 ta' Awissu, 1999, ghall-habta tad-9.30 pm waqt li kien fil-bajja ta' Marsalforn (**1**) saq vettura numru IAG-329 b'velocita` eccessiva u b'manjiera perikoluza, (**2**) saq l-istess vettura kontra s-sinjal li juri li ma hemmx dhul, (**3**) b'imprudenza, b'negligenza u bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku tajjar lil Jacqueline Xerri minn Birkirkara u lil Peter Paul Cutajar minn Pembroke, u kkagunalhom griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifikat Dott. Marlene Attard M.D. ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex, (**4**) habat ma' bollard li kien hemm fit-triq u b'hekk ikkaguna hsara a dannu tal-Gvern ta' Malta, (**5**) saq il-vettura aktar 'l fuq imsemmija meta l-ammont ta' alkohol fin-nifs, demm jew urina tieghu kien aktar minn dak stipulat bil-ligi, u aktar (**6**) talli volontarjament ikkaguna hsarat f'telefon kiosk a dannu tal-Maltacom plc, liema hsara ma teccedix il-hamsin lira; l-ewwel qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tissospendi lill-imsemmi Pierre Tonna milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien li dik il-qorti jidrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-7 ta' Marzu, 2001 li permezz taghha dik il-qorti, wara li kkonstatat l-ammissjoni ta' l-istess Tonna ghat-tieni imputazzjoni kif registrata fl-udjenza tal-21 ta' Gunju, 2000 (fol. 17), u wara li qieset il-provi kollha prodotti, sabitu hati skond l-imputazzjonijiet kollha, ikkundannatu multa ta' tlett mitt lira (Lm300) u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal periodu ta' sena;

Rat it-talba ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza maghmula lil, u akkordata minn, l-ewwel Onorabbli Qorti fis-7 ta' Marzu, 2001 (fol. 27);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Pierre Tonna, minnu ppresentat fl-20 ta' Marzu, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; rat l-eccezzjoni preliminari tan-nullita` tar-rikors ta' l-appell sollevata mill-intimat Avukat Generali fl-udjenza ta' l-10 ta' April, 2001; semghet lid-difensuri tal-partijiet dwar din l-eccezzjoni; ikkunsidrat:

Dan huwa provvediment limitat ghall-eccezzjoni tan-nullita` tar-rikors ta' appell sollevata mill-Avukat Generali fl-udjenza tal-10 ta' April, 2001. L-Avukat Generali qed jikkontendi li r-rikors huwa null in vista tal-fatt li t-talba finali fl-imsemmi rikors kellha tkun ghar-riforma tas-sentenza appellata u mhux ghar-revoka taghha, u dan sante li kien hemm ammissjoni minn-naha ta' l-appellant (fir-rigward tat-tieni imputazzjoni) kemm fil-mori tal-proceduri quddiem l-ewwel qorti kif ukoll fl-istess rikors ta' appell.

Kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, meta t-talba ghandha manifestament tkun talba ghar-riforma tas-sentenza appellata mentri tigi mitluba r-revoka, ir-rikors ta' appell ikun null fuq il-bazi ta' karenza tar-rekwizit imsemmi fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 419 tal-Kap. 9 (ara, fost ohrajn, ***Il-Pulizija v. Joe Borg***, App. Krim. 21/7/95). Issa, fil-kaz in dizamina, jirrisulta kemm mill-verbal tal-21 ta' Gunju, 2000, kif ukoll mis-sentenza appellata, li l-appellant, allura imputat, kien ammetta t-tieni imputazzjoni. Pero` aktar minn hekk u aktar importanti ghall-fini ta' dana l-appell, fl-istess rikors ta' appell l-appellant jikkonferma li hu kien qed isuq kontra s-sinjal tat-traffiku (t-tieni imputazzjoni) u li hu rregistra ammissjoni f'dan ir-rigward, filwaqt li tali ammissjoni ma hi b'ebda mod qed tigi minnu kontestata u ma hemm ebda ilment fir-rigward taghha. Konsegwentement hu kellu jitlob mhux ir-revoka tas-sentenza appellata, izda r-riforma taghha (biex b'hekk ghall-anqas tigi konfermata dik il-parti tas-sentenza fejn instab hati, fuq ammissjoni tieghu, skond it-tieni imputazzjoni). Fic-cirkostanzi, ghalhekk, it-talba tar-rikorrent hi manifestament zbaljata, b'mod li ghandu jigi ritenut li ma hemmx it-talba mehtiega skond l-Artikolu 419(1)(c) tal-Kodici Kriminali.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali, tiddikjara l-appell irritu u null, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. Is-sospenjoni tal-licenzja tas-sewqan tibda minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

(ft) Maureen Xuereb
Deputat Registratur